MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 379/2003/1

**Baron Networks Limited**

**v.**

**ADS System Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` konvenuta ADS System Limited minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ April 2008 li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u laqghet it-talbiet tas-socejta’

attrici. Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici pprezentata fil-11 ta’ April, 2003 taqra hekk:

“Illi s-socjeta` attrici bieghet u konsenjat lis-socjeta` konvenuta networking materials li l-prezz komplessiv taghhom kien jammonta ghal erba u tmenin elf, tlett mija u erbghin lira maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm84,340.24);

“Illi s-socjeta` konvenuta hallset parti mill-prezz tal-bejgh izda naqqset milli thallas is-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u tmintax-il lira maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm10618.54) (Skond statement, kopja Dok A);

“Illi s-socjeta` attrici ghamlet diversi interpellazzjonijiet lis-socjeta` konvenuta biex thallas il-bilanc dovut imma xorta wahda s-socjeta` konventua baqghet inadempjenti;

“Ghalhekk ic-socjeta` attrici qed titlob li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hi debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' LM 10,618.54; u

“2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm10618.54;

“Bl-ispejjez u bl-interess mid-data tal-ahhar fattura kontra s-socjeta` konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni;”

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tad-29 ta’ Ottubru 2003 li in forza taghha eccepiet illi:

“Illi t-talba attrici ghal hlas hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi l-arrangament bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta kien illi s-socjeta` attrici kellha tipprovdi u tikkonsenja lis-socjeta` konvenuta numru ta' prodotti taghha ta' networking sabiex jigu utilizzati fi progetti li kelha is-socjeta` konvenuta, bi qbil

pero` illi kemm il-darba jibqa xi prodotti li ma jkunux utilizzati mis-socjeta` konvenuta dawn kellhom jigu rritornati lis-socjeta` attrici minghajr ma jsir hlas ghall prodotti hekk rritornati. L-valur ta' LM 10,618.54 li qed jintalab f' din il-kawza fil-fatt huwa l-valur ta' prodotti li ma gewx utilizzati mis-socjeta` konvenuta liema prodotti is-socjeta` attrici qed tirrifjuta li tiehu lura minkejja l-ftehim fuq imsemmi u minkejja li giet interpellata sabiex taghmel hekk mis-socjeta` konvenuta;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Bis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ April, 2008, gie deciz hekk:

“Fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta u fit-tieni billi tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici u b’hekk tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hi debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' ghaxart elef sitt mija u tmintax il-lira u erba u hamsin centezmu flus maltin (Lm10,618.54) jew erba u ghoxrin elf seba mija erba u tletin punt erba u hamsin (€24,734.54) u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta €24,734.54 u dana bl-imghaxijiet kollha mid-data tal-ahhar fattura sal gurnata tal-hlas;

“Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Is-socjeta` attrici tallega, fic-citazzjoni, li hi kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta’ ghaxart elef sitt mija u tmintax il-lira maltin u erba u hamsin centezmu (Lm10,618.54) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ networking materials. Is-socjeta` attrici ghalhekk qed titlob li s-socjeta` konvenuta tigi kundanata thallas l-istess somma;

“Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi li l-partijiet ftehemu li s-socjeta` attrici kellha tipprovdi u tikkonsenja lis-socjeta` konvenuta numru ta' prodotti taghha ta'

networking sabiex jigu utilizzati fi progetti li kellha is-socjeta` konvenuta, bi qbil pero` illi kemm-il darba jibqa' xi prodotti li ma jkunux utilizzati mis-socjeta` konvenuta dawn kellhom jigu rritornati lis-socjeta` attrici minghajr ma jsir hlas ghall-prodotti hekk irritornati. Appuntu l-ammont li qed titlob is-socjeta` attrici hu l-valur ta' materjal mhux utilizzat u li s-socjeta` konvenuta riedet trodd lura u li pero` s-socjeta` attrici rrifjutat li tiehu lura;

"Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` konvenuta hadet l-appalt biex taghmel xi xoghlijiet f'lukanda f'San Giljan. In konnessjoni ma' dan l-appalt, da parti taghha s-socjeta` konvenuta ghamlet ftehim mas-socjeta` attrici biex din tal-ahhar tipprovdi xi materjal u taghmel ukoll xi xoghlijiet zghar;

"Sar inkontru bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti fejn ghas-socjeta` attrici kien hemm prezenti Mark Stevenson u Harvey Stevenson u ghas-socjeta` konvenuta kien hemm Carmelo Hili, Marco Borg u Joseph Aquilina. F'din il-laqgha gew diskussi il-materjal involut u l-prezzjijiet relattivi. Is-socjeta` konvenuta ssostni li f'dan l-inkontru s-socjeta` attrici qablet li waqt li x-xoghol kien ghaddej seta' kien hemm awmenti jew tnaqqis ghar-rigward tal-materjal ordnat. Is-socjeta` attrici dan tichdu;

"Eventwalment is-socjeta` konvenuta ghamlet ordni bil-miktub mas-socjeta` attrici. L-ewwel parti ta' dan id-dokument bil-miktub tittratta dwar il-materjal li gie ordnat waqt li fit-tieni parti tittratta dwar kif ghandha ssir il-konsenja tal-istess materjal. Ma jirrizultax li saret xi rizerva dwar materjal mhux utilizzat. Hu ovvju li dan jirrizulta mid-dokumenti esibiti u gie ukoll ammess mis-socjeta` konvenuta;

"Is-socjeta` konvenuta pero` issottomettiet fil-kors tal-kawza li hi prattika kostanti f'dan it-tip ta' negozju li waqt li jkun ghaddej ix-xoghol jistghu jsiru kambjamenti li jeffettwaw l-ammont tal-materjal ordnat. Is-socjeta` attrici taccetta dan dwar awmenti jew tnaqqis fil-materjal izda tikkontendi li l-materjal li kien qed jigi ritornat, li fil-maggoranza tieghu kien cable fibre, li seta gie "handled"

mhux bil-mod gust peress li s-socjeta` konvenuta ma kellix l-attrezzi idonei u adegwati. Inoltre l-materjal gie ritornat hafna xhur wara l-konsenja tal-istess materjal lis-socjeta` konvenuta. Principalment ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta` attrici rrifjuta li tiehu lura l-materjal mhux utilizzat mis-socjeta` konvenuta. Minhabba f'hekk il-materjal mhux utilizzat gie depositat taht l-awtorita` tal-Qorti;

"Is-socjeta` konvenuta ssostni li f'kuntratti bhal dawn hu ovvju li hu difficili li wiehed jiddetermina esattament minn qabel ma jidew ix-xogholiiet relattivi, cioe` mill-bidu, l-ammont esatt tal-matejal li jkun necessrju biex isiru l-istess xoghlijiet. Ghalhekk hemm l-imsemija prattika kif qed issostni s-socjeta` konvenuta;

"In effett jirrizulta ukoll li waqt li kien ghaddej ix-xoghol is-socjeta` konvenuta rritornat xi cabinets li gew accettati lura mis-socjeta` attrici u l-prezz relattiv gie rifus lis-socjeta` konvenuta. Barra minn hekk ukoll waqt li kien ghaddej ix-xoghol relattiv saru ordnijiet addizzjonali. Is-socjeta` attrici tat ir-ragunijiet taghha ghaliex gie accettat li jigi ritornat xi materjal u dawn ir-ragunijiet jirrizultaw ragjonevoli principalment ghaliex gew ritornati ftit wara li gew konsenjati lis-socjeta` konvenuta. Barra minn hekk il-fatt li zdied xi materjal ma' dak ordnat hu ghal kollox irrilevanti peress li hu fundamentali fin-negozju li ditta qieghda hemm biex tbiegh u li wiehed izid l-ordni hu parti essenzjali tan-negozju;

"Is-socjeta` konvenuta tghid li malli spicca x-xoghol l-imsemmi materjal mhux utilizzat gie ritornat pero` ma giex accettat mis-socjeta` attrici. Skond is-socjeta` konvenuta dawn l-oggetti kienu mhux uzati, mhux danneggjati u setghu jintuzaw mis-socjeta` attrici, li ma accettatx u kompliet tinsisiti ghal pagament shih;

"Is-socjeta` attrici thoss li l-ordni relattiva saret bil-miktub mis-socjeta` konvenuta. u li bil-miktub ukoll gie redatt il-ftehim relattiv mis-socjeta` konvenuta. Hu fundamentali li min jaghmel ordni ghal xi materjal b'mod specjali bil-

miktub hu obbligat li jiehu l-materjal kollu ordnat forsi bl-eccezzjoni ta’ xi ammonti zghar li ma jkunux gew utilizzati;

“Hawnhekk l-ammonti li s-socjeta` kovenuta riedet tirritorna lura jirrizultaw li kienu ammonti sostanzjali. Barra minn hekk ghaddew diversi xhur minn meta gew konsenjati l-oggetti sakemm is-socjeta` konvenuta riedet tirriritorna l-istess materjal. Dan il-fatt hu wkoll accettat mis-socjeta` konvenuta. Inoltre jidher li s-socjeta` konvenuta riedet tirrritorna l-oggetti wara diversi xhur mill-konsenja u wara li bdiet taqa’ lura fil-pagamenti u kienet qed tigi pressata ghall-hlas;

“Il-Qorti taqbel ma’ dak li ragjonevolment issostni s-socjeta` attrici. B’hekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu accettati, filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu rigettati.”

**Appell tas-socjeta` konvenuta**

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li, in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa’ l-appell taghha, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tal-ewwel Qorti u tichad it-talbiet attrici kollha u tilqa’ l-eccezzjonijiet taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma, fil-qosor, is-segwenti:

1. Gie stabilit li l-prassi f’din in-natura ta’ xoghol hija illi oggetti mhux utilizzati jigu ritornati. Kien hemm prodotti li zdiedu fil-kwantita` man mano li kien qed isir ix-xoghol, u kien hemm prodotti li ma gewx utilizzati u gew ritornati lura lis-socjeta` attrici. Ghalhekk is-socjeta` attrici ma kienitx gustifikata li ma taccettax ix-xoghol lura li s-socjeta` konvenuta talbet li tirritorna.
2. Lanqas ma kienet gustifikata s-socjeta` attrici li tirrifjuta li xi xoghol jigi ritornat ghax kien ghadda zmien twil, billi t-trapass taz-zmien bejn meta saret il-konsenja tal-prodotti u t-talba ghar-ritorn ta’ parti minnhom kien ta’

hames xhur, li mhux xi zmien twil, kunsidrata d-dimensjoni tal-progett li kellha f'idejha s-socjeta` konvenuta u cioe` l-*cabling* ta' lukanda enormi b'aktar minn hames mitt kamra, liema xoghol, min-natura tieghu, jiehu hafna zmien.

3. L-ahhar aggravju tas-socjeta` appellanti huwa li mkien mix-xhieda prodotti mis-socjeta` attrici ma jirrizulta li r-raguni ghala l-prodott ma giex accettat mis-socjeta` attrici kienet minhabba li dan l-ammont kien wiehed sostanzjali. Fil-kaz odjern il-valur tal-oggetti li qed jintalab li jigu ritornati huwa biss circa 11% tal-valur tal-ordni kollha li saret, u ghalhekk mhux xi ammont kbir.

**Risposta tas-socjeta` appellata**

Rat ir-risposta tas-socjeta` appellata li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti;

**Fatti**

Il-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna huma in sustanza s-segwenti:-

Permezz ta' ftehim li gie esebit bhala Dok JAX1 a fol.23 tal-process is-socjeta` konvenuta ordnat minghand is-socjeta` attrici materjal ammontanti ghal Lm84,340.24. Fl-istess ftehim giet maqbula d-data ta' meta tali materjal kellu jigi konsenjat kif ukoll it-termini tal-pagament. Dan id-dokument gie ffirmat minn Joseph M. Aquilina ghan-nom tas-socjeta` konvenuta u minn Harvey P. Stephenson ghan-nom tas-socjeta` attrici. Dwar il-kontenut tal-istess ftehim jidher li ma hemmx kontestazzjoni.

Jirrizulta illi mal-andament tax-xoghol, is-socjeta` konvenuta giet bzonn ta' xi materjal addizzjonali, liema materjal gie supplit mis-socjeta` attrici. Jirrizulta wkoll illi s-socjeta` attrici kienet accettat li tiehu lura numru ta' *cabinets* u harget *credit notes* ghall-istess lis-socjeta` konvenuta.

Gara, pero`, li s-socjeta` konvenuta kien baqghalha ammont ta' materjal ordnat u konsenjat minghand is-socjeta` attrici li ma giex utilizzat fil-progett li s-socjeta` konvenuta kellha fil-lukanda Intercontinental. Ghaldaqstant, f'Jannar 2003, l-istess socjeta` konvenuta talbet sabiex tirritorna l-istess materjal lis-socjeta` attrici. Din kienet lesta li tiehu lura biss parti mill-istess materjal bil-kundizzjoni li l-istess materjal kien ghadu f'kundizzjoni tajba u wkoll li jkun hemm skont ta' 15% fuq il-prezz miftiehem. Pero` s-socjeta` attrici ma kinitx lesta li tiehu lura l-*fibre optic cables* stante li ma kinitx taf kif dawn gew *handled* u storjati. Lanqas ma accettat li tiehu lura l-*patch panels* stante li kien ghadda hafna zmien minn meta gew konsenjati, kienu gew ordnati specifikatament ghas-socjeta` konvenuta u wkoll kienu gew *superseded* b'mudell iktar ricenti[1]. L-accettazzjoni lura tal-materjal fuq imsemmi kienet ukoll bil-kundizzjoni li s-socjeta` konvenuta thallas b'effett immedjat il-bilanc li kellha pendenti mas-socjeta` attrici.

Stante li ma ntlahaqx ftehim, is-socjeta` attrici pprocediet b'din il-kawza u s-socjeta` konvenuta ddepozitat taht l-Awtorita` tal-Qorti il-materjal mhux utilizzat[2].

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Is-socjeta` konvenuta appellanti ssottomettiet li r-ragunar adoperat mill-ewwel Qorti hu hazin u zbaljat, kemm fattwalment u kemm legalment. L-aggravju principali taghha huwa li hija l-prassi fin-natura tax-xoghol in kwistjoni li materjal mhux utilizzat jigi ritornat lura. Hi tikkwota wkoll lir-rapprezentant tas-socjeta` attrici Mark Stephenson fejn qal "*As such yes it can be said it's common practice, <u>however, the big issue on this case is the time lapse, as we said before, the return of the materials.</u>"*[3] Ghaldaqstant is-socjeta` attrici ghalkemm tirrikonoxxi l-istess prassi, issostni wkoll illi kien hemm il-fattur taz-zmien u cioe` li kienu ghaddew cirka hames xhur

[1] Affidavit Harvey Stephenson a fol 43
[2] Ara Cedola fol 28.
[3] Sottolinejar ta' din il-Qorti. Fol 97.

minn meta saret il-konsenja tal-istess materjal sakemm saret it-talba ghar-ritorn tal-istess.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi anke, *dato ma non concesso* li kienet tezisti din il-prassi, fl-ewwel lok is-socjeta` appellanti messha insistiet li tigi inserita klawsola appozita f'dan is-sens fil-ftehim li sar, haga li ma saritx, u fit-tieni lok, is-socjeta` appellata m'ghandhiex tort li thoss li m'ghandhiex taccetta materjal li fost affarijiet ohra ma kienitx taf kif kien gie trattat u/jew li fiz-zmien relattiv kien gie *superseded* b'materjal iehor.

Is-socjeta` appellanti tilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet taghha stante li l-materjal li riedet tirritorna kien jikkonsisti f'"ammont sostanzjali". Skond l-istess socjeta` minn imkien fix-xhieda ma jirrizulta li din kienet ir-raguni ghala l-prodott ma giex accettat lura. Issa, ghalkemm huwa veru li r-raguni principali ghala s-socjeta` appellata ma accettatx li tiehu lura l-*fibre optic cables* kienet li kien ghadda zmien konsiderevoli minn meta gew konsenjati u wkoll setghu gew danneggjati, m'hemm xejn x'jigi censurat fil-kumment li ghamlet l-ewwel Qorti illi l-ammont li s-socjeta` appellanti riedet tirritorna kien wiehed sostanzjali. Jidher li l-ewwel Qorti setghet tiddezumi dan mir-risposta ta' Mark Stephenson fejn xehed li "they surprised us and wanted to return circa ten thousand pounds of material".[4] Fi kwalunkwe kaz id-decizjoni li hadet l-ewwel Qorti ma kinitx tiddependi biss fuq il-fatt li l-ammont li s-socjeta` appellanti riedet tirritorna kien wiehed sostanzjali, imma kien hemm ragunijiet ohra.

Is-socjeta` appellanti tissottometti wkoll illi r-ragunar tal-ewwel Qorti illi kambjamenti fl-ordni ghandhom ikunu accettabbli biss jekk l-ammont ikun "zghir" huwa wkoll zbaljat. Skond l-istess socjeta` il-valur tal-oggetti li kien qieghed jintalab li jigi ritornat kien biss cirka 11% tal-ordni kollha u ghalhekk certament mhux xi ammont kbir. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni, ghaliex minn kuntratt b'valur ta' Lm84,340.24 jew ftit izjed, minhabba l-ordnijiet addizzjonali, l-ammont ta' Lm10,618.54 huwa

---

[4] Ara fol 96

wiehed pjuttost sostanzjali u ma jistax jigi kwalifikat bhala ammont “zghir”.

Is-socjeta` appellanti hassitha wkoll aggravata bid-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward ta’ x’jikkonsisti “time lapse” ragjonevoli fic-cirkostanzi. F’dan il-kaz kienu ghaddew cirka hames xhur bejn il-konsenja tal-materjal *de quo* u t-talba ghar-ritorn ta’ parti minnu. Fl-opinjoni tas-socjeta` appellata tali trapass ta’ zmien hu wiehed mhux daqstant twil tenut kont li si tratta ta’ *cabling* ta’ lukanda enormi b’aktar minn hames mitt kamra, liema xoghol min-natura tieghu stess jiehu perjodu ta’ zmien u jinbidel, jizdied u jonqos man mano max-xoghlijiet. Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma’ din is-sottomissjoni, u dan stante li kif spjega Harvey Stephenson fl-affidavit tieghu, minn meta gie supplit l-istess materjal sakemm saret it-talba ghar-ritorn tieghu, l-istess materjal gie *superseded.* Il-Qorti hi tal-fehma illi biex wiehed jara jekk it-trapass taz-zmien kienx wiehed twil jew le wiehed ma jridx ihares biss lejn in-numru ta’ granet imma wkoll lejn l-avvanzi fit-teknologija li jirrendu prodott fi ftit xhur o*bsolete.* Din il-Qorti ghalhekk issib li s-socjeta` appellata kellha ragun tirrifjuta li tiehu lura l-istess materjal.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-aggravji imressqa mis-socjeta` appellanti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan anke tenut kont illi f’Novembru 2002 Joseph Aquilina, direttur tas-socjeta` appellanti, ikkonferma permezz ta’ e-mail li tinsab a fol. 71 tal-process illi s-socjeta` appellanti kienet se thallas il-bilanc li kellha pendenti sal-ahhar ta’ Dicembru. Li kieku l-istess socjeta` kien fi hsiebha li tirritorna xi materjal zgur li ma kienx se jkun hemm risposta f’dan is-sens. Minkejja dan, is-socjeta` appellanti xorta ma ghamlitx il-pagamenti mweghda, u kien biss fit-30 ta’ Jannar 2003 li hi riedet tirritorna xi oggetti u l-valur taghhom jitnaqqas mill-kont.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu wkoll mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------